MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 529/2010

**Malta Language Studies Limited (C-22588)**
**Vs**
**ITP-Sprachschule GmbH**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mis-socjeta' attrici fil-25 ta' Mejju, 2010, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

**I.** ILLI s-socjeta' attrici topera lokalment fil-qasam relatat mat-taghlim tal-lingwa Ingliza u toffri tali servizzi taht id-ditta 'Berlitz' - li hija *franchise* mifruxa f'bosta pajjizi madwar id-dinja - li tispeccjalizza fit-taghlim ta' diversi lingwi;

**II.** ILLI, billi l-bicca l-kbira tal-klijenti tas-socjeta' attrici jigu hawn Malta minn pajjizi barranin, is-socjeta' attrici toffri wkoll, lill-istess klijenti taghha, l-ghazla illi jinkarigaw lill-istess socjeta' attrici biex tixtri u takkwista, minghand

terzi persuni, servizzi ta’ akkomodazzjoni u servizzi ta’ trasport, flimkien mal-materjal edukattiv relattiv, li huma jkunu ser jigu bzonn matul iz-zjara taghhom f’Malta;

**III.** ILLI ghalhekk, filwaqt illi s-socjeta’ attrici tipprovdi s-servizzi tat-taghlim lill-klijenti taghha hi stess, is-servizzi ta’ akkomodazzjoni u s-servizzi ta’ transport, flimkien mal-materjal edukattiv relattiv, jigu mixtrija u akkwistati mill-istess socjeta’ attrici minghand terzi persuni skond, fost ohrajn, it-tip ta’ servizz u t-tip ta’ materjal li jkollu bzonn il-klijent;

**IV.** ILLI s-socjeta’ konvenuta, bhala socjeta’ li topera kemm minn gewwa Feldkirch u kemm minn gewwa Innsbruck - zewg postijiet gewwa l-Austria - wkoll taht id-ditta ‘Berlitz’, kienet, ghal diversi xhur, taghmel uzu mis-servizzi provduti lokalment mis-socjeta’ attrici billi kienet tinkariga lill-istess socjeta’ attrici sabiex toffri servizzi ta’ taghlim u kif ukoll sabiex tixtri u takkwista, minghand terzi persuni, kemm servizzi ta’ akkomodazzjoni u ta’ transport u kif ukoll materjal edukattiv, ghal diversi klijenti li l-istess socjeta’ konvenuta kienet tibghat hawn Malta;

**V.** ILLI, ghalhekk, is-socjeta’ attrici, matul diversi xhur, provdiet servizzi ta’ taghlim u xtrat u akkwistat, minghand terzi persuni, servizzi ta’ akkomodazzjoni u servizzi ta’ trasport, flimkien ma’ materjal edukattiv, fuq l-inkarigu u ghal beneficcju tas-socjeta’ konvenuta;

**VI.** ILLI, madanakollu, s-socjeta’ konvenuta naqset milli thallas l-ammont totali ta’ ghaxart elef, mitejn u disa` u sebghin Euro u seba` u sebghin centezmu (€10,279.77), relattiv ghall-inkarigi moghtija minnha lis-socjeta’ attrici minn gewwa Feldkirch, kif jidher mid-dokument ‘**MLSL 1**’ hawn anness konsistenti fi *statement* flimkien mal-fatturi kollha relattivi;

**VII.** ILLI, minn barra dan l-ammont, is-socjeta’ konvenuta naqset ukoll milli thallas l-ammont totali ta’ hamest elef, tlett mija u zewg Euros u hdax-il centezmu (€5,302.11), relattiv ghall-inkarigi mohtija minnha lis-socjeta’ attrici minn gewwa Innsbruck, kif jidher mid-dokument ‘**MLSL 2**’

hawn anness konsistenti fi *statement* flimkien mal-fatturi kollha relattivi;

**VIII.** ILLI ghalhekk, ghalkemm is-socjeta’ attrici dejjem qdiet l-inkarigi moghtija lilha mis-socjeta’ konvenuta kif pattwit, l-istess socjeta’ konvenuta naqset milli thallas is-somma komplessiva ta’ hmistax-il elf, hames mija u wiehed u tmenin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€15,581.88) rapprezentanti diversi fatturi, kif hawn fuq spjegat, li nhargu mis-socjeta’ attrici in konnessjoni mas-servizzi li gew rezi fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tas-socjeta’ konvenuta gewwa Malta;

**IX.** ILLI ghalkemm, permezz ta’ korrispondenza skambjata bejn il-kontendenti, hawn annessa u mmarkata bhala dokument ‘**MLSL 3**’, is-socjeta’ konvenuta weghdet, lis-socjeta’ attrici, l-hlas ta’ l-ammont kumplessiv ta’ €15,581.88, u sahansitra sostniet illi tali pagament kien ser isir nhar il-5 ta’ Frar 2009, dan il-hlas baqa` qatt ma sar;

**X.** ILLI ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-imsemmi ammont ta’ €15,581.88 hija baqghet inadempjenti u dan minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

**XI.** ILLI jezistu r-rekwiziti kollha naxxenti minn Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili [Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta] sabiex dan ir-rikors guramentat jigi deciz bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza u dan billi l-hlas tas-somma ta’ €15,581.88, dovut mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici, jikkwalifika bhala dejn illi huwa cert, likwidu, u li ghalaq, u li ma jikkonsistix fl-esekuzzjoni ta’ fatt, u billi, inoltre, sa fejn huwa maghruf mis-socjeta’ attrici, is-socjeta’ konvenuta ma ghandha l-ebda eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghal-hlas ta’ l-imsemmija somma ta’ €15,581.88;

Talbet li is-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex il-Qorti m’ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna :

**I.** Tipprocedi ghas-sentenza bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

**II.** Tiddikjara illi l-ammont ta' hmistax-il elf, hames mija u wiehed u tmenin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€15,581.88), rapprezentanti l-valur ta' servizzi ta' taghlim, ta' akkomodazzjoni u ta' trasport, flimkien mal-prezz ta' materjal edukattiv, huwa dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici;

**III.** Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hmistax-il elf, hames mija u wiehed u tmenin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€15,581.88).

Bl-ispejjez u bl-imghax, dekorribli bir-rata ta' imghax kif definita fl-Artikolu 26A tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mid-data li tigi stabbilita skond l-Artikolu 26 C (2) (b), u cjoe' minn tletin gurnata wara l-ghoti tas-servizz, sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subbizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat li is-socjeta' konvenuta, debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi, baqghet kontumaci u fis-seduta tal-lum imsejjha tlett darbiet lanqas ma deher hadd biex jirrapprezentaha;

Semghet lil Elton Stivala, ghas-socjeta' attrici, jixhed bl-gurament illi is-socjeta' attrici baqghet ma thallset xejn;

Peress li, fic-cirkostanzi, t-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat jidhru gustifikati u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata illum stess bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici kif dedotti fir-rikors guramentat, u hekk tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hmistax-il elf, hames mija u

wiehed u tmenin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€15,581.88); bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba kontra is-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------